MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-18 ta' April, 2011

Talba Numru. 19/2010

***Fabio Giangolini***
***I.D. 32559(A)***
***Vs***
***Awtorita' Trasport f'Malta***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tal-attur fejn iddikjara li fis-7 ta' Frar, 2009, ghall-habta ta' 12.00p.m., waqt li kien qieghed isuq il-vettura Ford Ka bin-numru ta' registrazzjoni *ABO 508* dahal f'hofra li kienet tinstab f'Triq Dawret il-Gudja, il-Gudja, li kkagunatlu hsara fil-vettura tieghu fl-ammont ta' tlett mija disgha u tmenin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€389.45). Illi ta' din il-hsara hija responsabbli l-Awtorita' konvenuta li l-attur talab li tigi ikkundannata thallsu l-ammont tad-danni minnu sofferti.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra bonarja tat-28 ta' Frar, 2009 u tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Mejju, 2009.

Ra r-risposta tal-Awtorita' li ecceppiet illi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonjiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni reklamati huma eccessivi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Ra x-xhieda ta' WPC 167 Justine Grech, li huwa stazzjonat l-Ghassa taz-Zejtun. Ighid li l-attur kien involut f'incident u kien ghamel rapport ma' WPC 124 Charlene Bugeja. Lilha direttament, kien ipprezentalu stima tal-hsarat li kellu fil-vettura tieghu u din l-istima inharget minn *Carmelo Garage Servicing and Repairing, Sliema.*

Kien "*updated*" ir-rapport minnu stess, billi inkluda dawn l-ispejjez.

Ma jiftakarx li kien hemm xi rapport ohra dwar incidenti li setghu sehhew fl-istess post.

Ra x-xhieda ta' WPC 124 Charlene Bugeja li kkonfermat li kienet irceviet rapport minghand l-attur fit-22 ta' Frar, 2009 fl-Ghassa taz-Zejtun, fejn kien ddikjara li kien involut f'incident bil-vettura tieghu, bin-numru ta' registrazzjoni ***ABO 508***, fis-7 ta' Frar, 2009, f'Dawret il-Gudja, Gudja.

Kienet talbitu sabiex jipproduci stima tal-hsarat li kellu u fil-fatt dina l-istima kienet haditha WPC 167 Justine Grech u kienet dahlitha fir-rapport. Meta ghamel ir-rapport, l-attur, il-vettura kienet diga' ssewwiet.

Tghid li ma kellhomx aktar rapporti fuq incidenti li sehhew fl-istess triq.

Ra x-xhieda tal-attur, li jispjega kif fis-7 ta' Frar, 2009, kien ghaddej bil-vettura tieghu, f'Dawret il-Gudja, Gudja u fid-dawra inserta li kien hemm toqba fit-triq, li kien impossibli sabiex wiehed jevitaha u b'konsegwenza li garrab danni fil-vettura tieghu. Mal-impatt kien sema' hoss kbir, izda peress li kien perikoluz jieqaf ezatt fil-post minn fejn kien ghaddej, kien baqa' jsuq sakemm kien possibli ghalih li jwaqqaf il-karozza. Kien hawn li ra t-toqba, li kienet pjuttost kbira.

Ma kienx jaf preciz meta kien ha l-vettura ghat-tiswijiet, izda kien fix-xahar ta' Frar u ma setax jehodha immedjatament ghaliex kien jahdem ma' kumpanija tar-reklamar u kellu bzonn il-vettura. Sadanittant kien qed juza' l-vettura ta' martu u kien juza' tieghu f'kaz ta' emergenza.

Kien ghamel it-tiswijiet ghand *Carmelo Garage*, l-Imsida.

Kien ghamel rapport biss meta sar jaf li biex jitlob l-ammont tad-danni lura kellu jaghmlu. Kien ghalhekk li kien ghamel ir-rapport, gurnata qabel ma' mar ihallas lill-garaxx fejn saru t-tiswijiet.

Ighid li r-roti tal-vettura ma kienux "*customized,*" izda kellhom daqs normali.

Ra x-xhieda ta' Carmelo Agius, li jahdem mal-Awtorita' u jghid li fid-9 ta' Jannar, 2009, ix-xogholijiet ta' "*patching works*," li kienu qed isiru f'Dawret il-Gudja. Gudja, kienu tlestew u dan jirrizulta mir-"*report form*." Il-"*patching*" isir sabiex jitghatta x-xogholijiet ta' "*trenching*" li jkun sar. Sat-3 ta' Marzu, 2008 kienu tlestew il-"*major trenching works*."

Jikkonferma li kien hemm applikazzjoni da parti tas-socjeta' *Vodafone*, u kien inghatalha l-permess. Ix-xogholijiet ta' "*trenching*" kienu saru mis-socjeta' *Philip*

*Agius and Sons Ltd*. u l-kuntrattur li kien qed jahdem kien *J & J Ltd*.

Jispjega, li minkejja li jkun hemm il-permess, l-Awtorita' xorta tissorvelja sabiex tivverifika li l-istat triq terga' titpogga lura fl-istat li kienet qabel ma nbdew ix-xogholijiet.

Dawn ix-xogholijiet kellhom jsiru bejn it-28 ta' Jannar sat-3 ta' Marzu u waqt li l-kuntrattur ikun qed jaghmel dawn ix-xogholijiet hu jkun responsabbli.

Ighid li wara l-ewwel gimgha ta' Jannar u s-7 ta' Frar, 2009, ma jirrizultax li saru xi rapporti mal-Awtorita'.

Biex isiru l-"*patching works*" jigi ingaggat kuntrattur biex jaghmel ix-xogholijiet u jkollu "*period contract*," fejn jew jinghatalu somma flus jew inkella jkollu xogholijiet ghal perjodu ta' sena. Biex jibda x-xogholijiet jinhariglu "*work order*."

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

L-attur fetah dina l-kawza kontra l-Awtorita' peress li jinsisti li kienet giet kkagunata hsarat fil-vettura tieghu, waqt li kien ghaddej minn Dawret il-Gudja, Gudja u kien sab hofra.

Ipprezenta stima tal-hsarat li kellu u din giet prodotta wara li ssewwew u wara li kien gie mitlub jaghmel hekk mill-Pulizija meta mar jaghmel rapport.

L-Awtorita' tikkontendi li ma kienitx responsabbli ghal dawn il-hsarat ghaliex sad-9 ta' Jannar, 2009 kienu tlestew il-"*patching works*" u cioe' xogholijiet sabiex jitghatta t-"*trenching*."

Tikkonferma ukoll li kien inhareg permess ghal *Vodafone* u kien hemm il-kuntrattur *Philip Agius & Sons Ltd*. qed jahdem fuq it-"*trenching*."

Il-permess ghax-xogholijiet inhareg ghal perjodu bejn it-28 ta Jannar u t-3 ta' Marzu u f'dak iz-zmien kien responsabbli minn kien qed jahdem f'dawn l-inhawi, li zgur ma kienitx l–Awtorita. Jista' jkun kien hemm xi "*trenching works*" jew addiritura t-toqba li semma' l-attur.

Hemm diversi fatturi f'dan il-kaz li ghandom jigu kkunsidrati. L-ewwel huwa li l-attur ma pproduca l-ebda ritratti sabiex dan it-Tribunal seta' jiehu ideja ta' fejn kienet tinstqab il-hofra u id-daqs ta' toqba.

Fattur iehor huwa li wara l-allegat incident, l-attur kompla juza' dina l-vettura ghax insista li minhabba x-xoghol tieghu ma setax joqghod minghajr vetturi. Anke l-istess rapport li ghamel lill-pulizija sar aktar tard u l-istess pulizija, meta ghamel rapport kellhom bzonn stima tal-hsarat, peress li meta ghamel rapport it-tiswijiet kienu lesti.

Il-fatt li kompla juza' l-vettura seta' kkontribwixxa ghall-hsarat u l-fatt li dam daqshekk biex ghamel rapport idghajjef t-tezi attrici.

Huwa minnu li l-attur fetah il-kawza kontra l-Awtorita', pero' mill-provi prodotti jirrizulta car li kien hemm permess iehor mahrug u jekk kien hemm haddiehor qed jahdem u halla materjal hazin jew xi toqob, dan jista' jinzamm responsabbli taghhom, u mhux l-Awtorita'. L-Awtorita' lestiet x-xogholijiet li kellha taghmel u f'dan is-sens qdiet id-dmirijiet taghha. Bhal dmir finali, dejjem jibqa' l-fatt li meta jitlestew ix-xogholijiet, irid jigi kkonfermat mill-Awtorita' li t-triq regghet tpoggiet fl-istat li kien qabel ma bdew ix-xogholijiet.

Dan ikkonfermat li ghamlitu ukoll u dan iwassal lit-Tribunal li jixhet aktar responsabbilita fuq terz, pero' lanqas ma tressqet eccezzjoni f'dan is-sens. Fl-assjem tal-provi, ghalhekk it-Tribunal jasal ghal konkluzjoni li l-attur ma irnexxielux jressaq provi sufficjenti biex tigi inkolpata l-Awtorita'.

Ghal dawn il-motivi, t-tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------